**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 907/01AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited gia' Galdes and Mamo Limited**

**vs**

**Emmanuel Fava.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' elf u wiehed u hamsin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm1,051.99), hlas dovut mill-konvenut bhala bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' poloz ta' assikurazzjoni u spejjez ohra.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta t-talba tas-socjeta attrici.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra:

1. Il-konvenut jiggestixxi negozju ta’ kiri ta’ vetturi.

2. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ elf u wiehed u hamsin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm1,051.99), bilanc ta’ prezz ghall-bejgh ta’ poloz ta’ assikurazzjoni.

3. Il-konvenut qieghed jikkontesta l-hlas u jibbaza d-difiza tieghu fuq il-fatt li *“kien hemm inadempjenza kontrattwali min-naha tas-socjeta attrici”* (verbal tas-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2001). Irrizulta li tnejn mill-vetturi (numri X-0482 u X-1783) propjeta tal-konvenut u assikurati taht polizza *comprehensive* mas-socjeta attrici, kienu involuti f’incident tat-

traffiku li sehh fit-23 ta' Dicembru 1993. Il-konvenut thallas ghall-hsara li garrab f'wahda minn dawn il-vetturi wara li ntavola proceduri gudizzjarji kontra s-sewwieq l-iehor, bis-sahha ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Novembru 1998 (**Emanuel Fava vs Robert Gauci** [Citaz. Nru: 392/95FDP]. Il-konvenut ippretenda li s-socjeta assiguratrici kellha tiehu hsieb dan il-*claim*, u mhux tabbanduna lill-assigurat taghha.

4. Huwa maghruf li ***"il est en matiere de contrats un principe de souveraine equite, c'est que l-un ne soit pas tenu de remplir ses engagements, quand l-autre s'affranchit de siens"*** (Larombiere, ara Giorgi *Teoria delle Obbligazioni*, Vol. IV para. 200). Fi kliem iehor, parti li tkun inadempjenti ma tistax tippretendi lill-parti l-ohra li twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha (*exceptio non rite impleti contractus*). Principju li gie ammess ukoll mill-gurisprudenza. Hekk per ezempju, il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Firenze b'sentenza tas-17 ta' Lulju 1890, qalet: *"La parte che crede l'altra inadempiente puo' sospendere la esecuzione del contratto"*. L-istess Qorti b'sentenza ohra tat-28 ta' Jannar 1892 qalet: *"La parte inadempiente al contratto corrispettivo non lo puo' invocare a proprio favore per ottenere condannata l'altra parte ad adempirlo e rispettarlo, e l'inadempimento si puo' opporre non soltanto come azione, ma anche con eccezione, per l'oggetto di*

*impedire che la parte inadempiente possa invocare il contratto a proprio favore".*

5. Mill-atti (fol. 18) jirrizulta li l-vetturi li dwarhom qieghed jintalab il-hlas tal-prezz ghall-bejgh ta' poloz ta' assikurazzjoni jgibu n-numri Y-1782; EMM 100; BAF 728; M-9296; u M-9830. Is-socjeta attrici m'hijiex titlob hlas fir-rigward tal-vetturi bin-numru X-O482 u X-1783. It-Tribunal huwa tal-fehma li kull polizza ta' assigurazzjoni mahruga fuq il-vetturi fuq imsemmija, tikkostitwixxi kuntratt separat u indipendenti minn xulxin. Il-konvenut ma jikkontestax li fuq il-hames vetturi fuq imsemmija s-socjeta attrici harget polizza ta' assigurazzjoni, u lanqas ma jirrizulta li qieghed jilmenta minn xi inadempjenza kontrattwali f'xi wahda minn dawn il-poloz. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jirrifjuta li jhallas l-ammont reklamat mis-socjeta attrici billi jippretendi li din kienet inadempjenti fir-rigward ta' poloz ta' assigurazzjoni li m'humiex meritu tal-proceduri odjerni. Huwa rilevanti wkoll kif minkejja dan l-ilment il-konvenut baqa' jixtri poloz ta' assigurazzjoni minghand is-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jilqa' t-talba tas-socjeta attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u wiehed u hamsin lira Maltija u disgha u

disghajn centezmu (Lm1,051.99), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz  tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr.Anthony Ellul**
**Gudikatur**